MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2012

Numru. 541/2012

Il-Pulizija
(Sp Kevin Farrugia)
vs
Kevin Chircop, iben Domenic, imwieled Pieta' fis-26 ta' Marzu, 1992, karta ta' l-identita numru 0194292(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fit-12 ta' Mejju, 2011 u fil-jiem ta' qabel minn ġewwa Triq il-Parroċċa, Santa Venera, ġewwa Ta' Qali, fil-Mosta u f'inħawi oħra f'dawn il-Gżwejjer Maltin:

1. ikkometta serq ta' vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni FAA 165, tal-marka Mitsubishi għad-dannu ta' John Attard u terzi persuni oħra, liema serq hu kkwalifikat bil-valur meta l-ħaġa misruqa tkun tiswa aktar minn €232.94 iżda mhux iżjed minn €2,329.37 u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;

2. b'nuqqas ta' ħsieb bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti ikkaġunajt u/jew għamilt ħsara billi għarraqt vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni FAA165 għad-dannu ta' John Attard u terzi persuni oħra;
3. saq l-imsemmija vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni FAA165 b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluż;
4. kiser il-kondizzjonijiet tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-liġijiet ta' Malta liema ordni saret definittiva fit-28 ta' Lulju, 2010;
5. talli rrenda ruħu reċidiv skont l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tiskwalifika lill-imsemmi Kevin Chircop milli jkollu jew jottjeni xi liċenzja tas-sewqan għall żmienli din il-Qorti jidrilha xieraq.
Il-Qorti ġiet mitluba li meta tagħti s-sentenza jew f'kull ordni ieħor wara, tikkundanna l-ħati għal ħlas ta' l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiħi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Ottubru, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 261(ċ)(g), 267, 271(g), 279(a), 280(1) u 325(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal piena ta' sitt (6) xhur priġunerija. Minbarra dan, tisklwaifika lill-imputat milli jkollu kwalunkwe liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' tlett xhur li jibda jiddekorri wara li jiskonta l-piena karċerarja. Fiċ-ċirkostanzi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali billi ma tqabbdu ebda esperti fil-proċeduri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------